# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1141/00**

**Numru 34**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Grace Cini**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm223.90 (mitejn u tlieta u ghoxrin Lira u disghin centezmu) mill-konvenuta lis-socjeta attrici dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 450181, (c/n 1000410) kif jirrizulta mill-istatement anness mal-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie installat fil-fond 2, Sunshine Court, Triq Kan. G Gatt Said, Rabat, fuq rikjesta tal-konvenuta u dan kif jirrizulta mis-"service agreement" anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 1999 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm223.90,0 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Dicembru 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg